# 1902 - Sena ta' Opri Kbar fir-Rotunda

MINN JOSEPH BORG

❑ Żgur li l-1902 tibqa' mniżżla fl-istorja tar-Rotunda tal-Mosta bħala sena li fiha kienu saru opri ta' l-arti tassew kbar. Matul dik is-sena, il-magħruf Giuseppe Cali' kompla bil-proġett tiegħu tal-kumplament tat-tmien pendenti tal-knisja. Matul dik is-sena wkoll, fl-okkażjoni tal-festa għażiża ta' Santa Marija, iżżanżan il-lampier il-prim tal-fidda, is-sitt linef tal-kristall u ż-żebgħa u l-induratura tal-gwarniċun il-kbir ta' fuq it-twieqi tat-tambur.



**Dun Anġ Camilleri, il-prokuratur ħabrieki**

### *Titkompla l-pittura*

Matul l-1900 u l-1901 Cali' kien illesta l-ewwel nofs tal-knisja. Kien beda bil-lunetta ta' l-Epifanija. Warajha kien pitter dik tat-Twelid ta' Kristu; imbagħad dik tal-Qawmien mill-Mewt ta' Kristu u wara, dik tad-Daħla Trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Sewwa sew mitt sena ilu, jiġifieri fl-1902, Cali' qabad it-tieni nofs tal-knisja bil-lunetta li turi d-Disputa tat-Tfajjel Ġesù fit-Tempju. Imbagħad pitter dik fejn jidher Ġesù ma' l-Appostli. Warajha pitter il-lunetta fejn naraw lil Ġesù u l-Maddaliena f'riġlejh u fl-aħħar, lejn il-bidu ta' l-1903 pitter l-aħħar waħda li turi 'l Kristu jqajjem mill-mewt lil Bin l-Armla ta' Najm. Il-pittura tal-lunetti, barra milli uriet il-ħila ta' dan il-pittur kbir Malti sebbħet bis-sħiħ lir-Rotunda tagħna u għamlitha tidher wisq iżjed għanja.

Din l-opra hekk kbira swiet Lm200 ! L-Arċipriet Xuereb li ħolom biha kien ilu snin mejjet meta l-pittura tlestiet. Iżda l-Providenza dejjem ipprovdiet nies mimlijin ħeġġa, bħal ma kien il-Prokuratur li kellha l-knisja dik il-ħabta, Dun Anġ Camilleri, sabiex din l-opra fl-aħħar issir.

Il-kuluri sbieħ li bihom Cali' libbes il-figuri ħelwin u ħajjin tiegħu diġà għaddew mitt sena minn fuqhom mill-prova tas-snin. Jidher ċar li l-pittura tal-Cali' għad tibqa' sakemm jibqgħu sħaħ il-ħitan qawwija tat-tempju tagħna.

### *Il-Lampier il-Prim tal-Fidda*

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ta' l-1902 kien iżżanżan ukoll il-famuż lampier tal-fidda li għandha r-Rotunda. Kien il-ħolma ta' xebba twajba Mostija, ċerta Margherita Grech. Ħadem għalih bis-sħiħ il-Prokuratur Dun Anġ Camilleri, tant li biex isir, minħabba li kienu żmenijiet diffiċli, kellu saħansitra jindaħal bl-ipoteka ta' ġidu personali kollu. Sar bl-approvazzjoni u bl-ammirazzjoni ta' l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace. Fuq kollox sar fuq id-disinn grandjuż tas-Sur Rafel Caruana Dingli għand il-fabbrika Tanfani ta' Ruma. Bil-fjokk u bit-tliet anġli ta' fuqu sewa 523 lira u 15-il xelin, flus li nġabru kollha minn fost il-poplu Mosti.

Daż-żmien, it-tliet anġli ta' Darmanin, li saru oriġinarjament għal fuq il-fjokk li għandu l-lampier, qegħdin jintramaw fuq kolonna fil-pjazza, għall-festa ta' Santa Marija. Maestużi għall-aħħar huma t-tliet brazzi li għandu. Eleganti wkoll hija l-pedestallata triangolari li terfa' fuqha it-tazza tan-nofs bit-tliet armi tal-mużajk li jdawruha li huma dawk tal-Mosta, ta' Malta u dik tal-Papa Ljun XIII, il-papa li fi żmienu sar il-lampier. Madwar il-vaska tan-nofs għandu jżejnuh sitt armi oħra, tal-mużajk, ukoll b'armi li għandhom x'jaqsmu ma' Kristu u l-Ewkaristija.

Dan il-lampier żgur li jibqa' tifkira qawwija tal-ħeġġa ta' missirijietna għad-dekor tad-Dar ta'

Għal paġna 32

*Minn paġna 31*

Alla u ta' mħabbithom lejn l-Ewkaristija.

*Il-Linef tal-Kristall*

Fil-Festa ta' l-Assunta ta' mitt sena ilu, mal-lampier iżżanżnu s-sitt linef tal-kristall. Dawn saru wkoll bit-tħabrik tal-Prokuratur żelanti Dun Anġ Camilleri bl-għajnuna ta' diversi benefatturi u mill-fdal li kien jibqa' ta' kull sena x'ħin kienu jitħallsu l-ispejjeż tas-siġġijiet tal-knisja. Huma linef magħrufin għall-eleganza tagħhom u għall-finezza tal-kristall li fihom peress li saru l-Bohemia, pajjiż magħruf għall-kwalità tal-kristall tiegħu, pajjiż li llum jagħmel parti mir-Repubblika Ċeka. Dawn il-linef kienu qamu 138 lira u bix-xogħol tal-komunikazzjoni ta' l-aċitilena u xi oġġetti oħra telgħu għal 214-il lira, 18-il xelin u 11-il sold u nofs. Il-fjokki sbieħ li minnhom narawhom imdendlin illum, saru madwar 75 sena ilu għall-ħabta ta' meta fil-Mosta, u għalhekk fil-knisja wkoll, ġie introdott id-dawl elettriku.



*Il-gwarniċun bl-iskrizzjoni fuq il-Madonna*

*Għal paġna 33*




*Minn paġna 32*

### *Il-Gwarniċun*

Il-gwarniċun imponenti li jagħlaq it-tieni ordni tal-knisja tagħna u li minn fuqu tibda tiela' l-koppla ġie miżbugħ u ndurat mitt sena ilu wkoll. Fil-friż tiegħu tpoġġew l-ittri indurati li jiffurmaw il-kliem ta' l-antifona li l-knisja ferħana tkanta fis-Sollennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. '*Maria Virgo Assumpta Est Ad Aethereum Thalamum In Quo Regum Stellato Sedet Solio*' li bi-Malti tfisser: 'Il-Verġni Marija Hi Mtellgħa fis-Sema fejn is-Sultan tas-Slaten qiegħed fuq tron kollu kwiekeb'. Dan il-gwarniċun prinċipali tar-Rotunda ġie mibdi fl-aħħar tas-sena 1899 u tlesta f'Awissu ta' l-1902. Ix-xogħol ta' l-induratura sar mill-induratur Pawlu Bugeja u sewa 108 liri. Ħamsa u għoxrin lira minnhom kienu ġew miġbura mis-soċi tal-Każin tal-Banda Santa Marija u t-tlieta u tmenin lira l-oħra ġabarhom Dun Anġ Camilleri nnifsu mingħand diversi persuni.

F'Awissu ta' mitt sena ilu missirijietna miġburin fit-tempju għażiż tagħhom u tagħna kellhom tassew għalfejn jifirħu. Ferħu għax kienu l-ewwelnett qegħdin jiċċelebraw bil-kbir, kif għamlu dawk ta' ħafna snin qabilhom, il-festa għażiża ta' l-Assunta. Ferħu wkoll għax kienu qegħdin jaraw sena wara l-oħra r-Rotunda maħbuba tagħhom dejjem tisbieħ b'opri ġodda u artistiċi, opri li b'xorti tajba għadna ngawduhom sal-lum u li aħna fid-dmir li ngħadduhom lil dawk ta' warajna kif aħna writniehom.

---

*(1928): Tifchira Għażiża tas-Sac. D. Ang. Camilleri ma dwar 30 sena Procuratur tal Chnisia tal Mosta li miet Fit-8 ta Settembru tas-sena 1927, Malta.*
*a. Il-lampier tal-fidda ta' quddiem is-Sagrament li sar fl-1902.*
*b. Is-sitt linef tal-kristall u l-komunikazzjoni ta' l-aċitilena mal-knisja li ġew imżanżna fil-Festa ta' Santa Marija ta' l-1902.*
*c. Il-gwarniċun prinċipali tal-knisja li ġie mibdi fl-aħħar tas-sena 1899 u tlesta f'Awissu 1902.*
*Vella, E.B. et. al. (1972): Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, Malta, pp.293-4.*
*Salomone, E. W. (1911): Musta Memories and Charms, Rochdale, pp.26-7.*
*Borg, J. (1977): Opri Sbieħ li Għandha l-Knisja Arċipretali Tagħna, (2) Il-Lampier, Il-Mosta, Awissu/Settembru.*
*Borg, J. (1978): Opri Sbieħ li Għandha l-Knisja Arċipretali Tagħna, (5) Il-Pittura, Il-Mosta, Frar/Marzu.*
*Fiorentino, E. u Grasso, L.A. (1991): Giuseppe Cali' (1846-1930), Malta.*

# F'Jum Santa Marija

*Reġa' sebaħ il-jum ta' Santa Marija,*
*f'ġurnata mill-isbaħ,*
*b'kull ferħ mimlija...*

*F'xemx tiżreġ nirien,*
*kull sena niftakru,*
*meta Omm Alla tatna l-ħelsien...*

*Għalhekk f'Jum Santa Marija,*
*titfawwar b'imħabba,*
*din il-qalb Maltija...*

*U x'ħin narak fuq il-kampnar*
*tal-Wardija,*
*minn qalbi toħroġ it-talba siekta,*
*ta' l-"Ave Maria"!*

NOEL FABRI

